XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA’ KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 26**
**24 ta’ Novembru 2014 fl-4:30p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-4:45p.m.

**<u>Preżenti:</u>**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur George Zammit | Kunsillier |

**<u>Uffiċjali:</u>**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**<u>Skuzati</u>**

| | |
|---|---|
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |

Intqgħalet it-Talba

1. **<u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 24 u 25 ma kienux lesti minħabba l-volum tax-xoghol imma ser ikunu lesti ghal-laqgħa li jmiss u għalhekk ma gewx approvati. Il-Segretarja informat lil Kunsilliera prezenti li l-Vici Sindku skuzata minhabba ragunijiet personali.

2. **<u>Offerta Gbir ta’ Skart</u>**

   Is-Segretarja nfurmat lil Kunsilliera li ser tagħlaq l-offerta tal-gbir ta’ skart fil-31 ta’ Jannar 2015. Is-Segretarja staqsiet lil kunsilliera prezenti hux ser tinħareg tender wahda kongunt bhalma kien sar snin ilu jew inkella tender ghax-Xewkija biss. Il-Kunsill għandu jara fuq dan fil-laqgħa li jmiss.

## 3. Armar u dwal tal-Milied fil-Pjazza San Gwann Battista

Is-Sindku infurma lil Kunsilliera li peress li rega wasal zmien il-Milied irid jibda t-tizjin tad-dwal fil-pjazza San Gwann Battista. Is-Sindku infurma lil Kunsilliera li ser jinbidlu l-bozzoz maħruqin kollha wara li Donald Camilleri gibet l-attenzjoni li hemm bozzoz mahruqin li jridu jinbidlu f'leds. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

## Affarijiet Oħra

Is-Sindku nfurma lil kunsilliera prezenti li hemm bzonn tinxtara computer gdida għal internet centre li jinsab fil-librerija peress li t-tnejn li hemm dejjem bi hsarat. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issugerit li tinxtara ukoll laser printer. Il-Kunsill qabel li jingabru kwotazzjonijiet.

*Dan il-ħin daħal il-Kunsillier George Zammit.*

Is-Sindku nfurma li Martinu Grima li jaħdem mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija jixtieq jigi transferit għal departiment iehor. Is-Sindku qal li ser jipprova jsib replacement ieħor floku. Il-Kunsilliera prezenti qablu li ma jsibux oggezzjoni biex dan jitlaq fuq it-talba tiegħu. Is-Segretarja ser tagħmillu itta ta' *no objection* biex ikun jista jitlaq.

Is-Sindku nfurma lil kunsilliera li peress li ta' Pachino dammu ma taw risposta li gejjien Malta t-talba biex issir estenzjoni minn Brussel giet rifjutata. Il-Kunsill kien għal diversi xhur qed jipprova jagħmel tentattivi ma' Pachino biex isir l-gemillagg izda peress li inbidel il-kunsill tagħhom din hadet fit-tul ħafna min naħa tagħhom. Il-Kunsill qabel li peress li mhux ser jingħataw fondi mill-EU dan ma jistax jsir mill-fondi tal-Kunsill biss. Ghalhekk waqqaf il-process sa meta tinħareg applikazzjoni oħra.

Is-Sindku infurma ukoll li qed issiru diskussjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex rigward id-dwal tal-knisja biex tkun aktar attrajenti. Il-Kunsillier George Zammit infurma lil Kunsill li ga kienu saru studji fil-passat rigward id-dawl tal-knisja. Is-Segretarja għandha tara fuq dan.

Is-Sindku qal li jixtieq li din is-sena jsir l-ikla tal-Milied tal-kunsilliera u l-istaff kollu peress li s-sena l-oħra ma saritx. Il-Kunsilliera prezenti qablu li jintalbu kwotazzjonijiet u fil-laqgħa li jmiss jintgħazel il-post u l-gurnata.

Is-Sindku fakkar lil-Kunsilliera li fl-20 ta' Dicembru ser ikun hawn il-President ta' Malta fis-2:00pm fil-Pjazza San Gwann Battista. Hu kompla jgħid li ser tkun tigbor id-donazzjonijiet min kull rahal għal l-Istrina. Is-Sindku qal li ser jiehu

sehem l-aljievi tal-Banda Prekursur bil-'christmas carols'. Is-Sindku qal lil Kunsilliera kollha prezenti li jixtieq li kullhadd ikun prezenti għal din l-attivita'. Hu kompla jgħid li ser issir envelope mill-kunsill biex jitqassam lir-residenti tax-Xewkija fil-bullettin biex jghatu d-donazzjonijiet tagħhom. Il-Kunsill qabel ma dan.

Gie deciz li l-ħarga tal-anzjani issir fis-17 ta' Dicembru. Il-Kunsilliera qablu ukoll li jingabru kwotazzjonijiet tal-venue u jigu infurmati l-kunsilliera biex jinħargu malajr l-avvizi. Il-Kunsill qabel li jinxtara rigal lil anzjani. Il-Kunsill qabel ukoll li f'din l-attivita' jingabru l-flus għal l-istrina.

Is-Sindku ssugerixxa li kif qed issir Triq San Bert kieku sew issiru l-bankini kollha f'dik it-triq peress li hemm problema ta' dislevelli. Hu kompla jgħid li jekk isiru fanali tul t-triq kollha jigu sbieħ ukoll. Il-Kunsillier George Zammit qal li l-wires tad-dawl jistgħu jgħaddu minn gol bankini. Is-Sindku kompla jgħid li wara li tkun lesta t-triq tkun ħaga sewwa illi jsiru dawn il-bankini godda u anke l-fanali pero ovjament fi zmien opportun.

## 4. Ambaxxatriċi ġdid/a tal-Vote 16

Il-Segretarja nfurmat li Sera Apap ser tagħlaq tmintax-il sena f'Dicembru 2014. Il-Kunsill reggha għamel kuntatt ma Hailey Sciberras li accettat il-kariga. Il-Kunsill qabel li Hailey Sciberras tkun l-ambaxxatici l-gdida.

## 5. Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa

Mill-korrispondenza

1. Ittra mingħand Eco Gozo Regional Dev. Dwar Re-creating by re-using.
2. Ittram mingħand MEPA dwar il-passagg fi Gnien ta' Blankas.
3. Ittra mingħandir-Regjun dwar Memo 27/2014 Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-2015. Is-Segretarja infurmat lil kunsill li t-tieni sejha tghalaq fl-10 ta' Dicembru. Is-Sindku staqsa jekk il-kunsilliera jaqblux li terggha titella Fiori d'Argenta is-sena d-diehla. Il-Kunsilliera prezenti ghandhom jiehdu decizjoni u jaghmlu kuntatt mas-Segretarja fuq dan.
4. Ittra mingħand il-monitoring unit rigward li ma gietx milqugħa t-talba biex jintuzaw il-public convenience tac-Centru Parokkjali u tal-Kazin tal-Football minflok il-mobile toilets.
5. Ittra mingħand Moviment Kerygma rigwar Premju Zghazugh tas-Sena 2014
6. Ittra mingħand Meusac dwar Laqgha Pubblika
7. Cirkulari AGL 73/2014 dwar Rapport dwar il-ħela tal-ikel
8. Ittra mingħand l-LGA dwar 'Tisjir mill-Qalb' b'risq il-Malta Community Chest Fund.
9. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar Archives Awareness Week 2014.
10. Memo 28/2014 – Nuqqas ta' Attendenza ghal-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali.
11. Memo dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-2015
12. Ittra mingħand ANSEK dwar Annual conference

XEWKIJA

## 6. Kontijiet

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

## 7. Ilmenti u Suggerimenti

i. Suggeriment mingħand ir-Residenti ta Triq Santa Marija biex issir one way. Il-Kunsill qabel ma dan u ser isir kuntatt mal-perit fuq dan.

ii. Suggeriment mingħand John Cassar u Carmel Cassar biex issiru zewg bozzoz fi Triq Sansun peress li m'hemmx dawl f'din it-triq. Il-Kunsill ser jara fuq dan.

iii. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard infurmat lil Kunsill li hdejn ir-razzett ta' 'kuskus' hemm il-bzonn li jittrangaw it-toqob.

iv. Il-Kunsillier George Zammit qal li hemm bzonn tittranga t-triq ta' ħdejn il-heliport. Is-Sindku nfurma li malli tinqala Triq San Bert il-materjal jitpogga hemm.

v. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard gibdet l-attenzjoni li qed ikun hemm problema xorta ħdejn il-bring in sites. Il-Kunsill qabel li jsir kuntatt mal-gwardjani lokali ta' kif tista tithaddem sistema biex jitnaqqas dan l-abbuz.

## 8. Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa giet aggornata fis-7:30p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |